# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 86**

**Citaz. Nru. 2414/96GV**

Doc. 114-01

**Ignazio Anastasi Limited**

**vs**

**Maresco Trading Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-atturi xtraw minghand il-konvenuti s-segwenti '*air conditioners*' cioe' erba' SAP 24 Zenith Air, tlett SAP 32 Zenith Air liema '*air conditioners*' gew stallati mill-konvenuti ghand l-atturi, u dan kif anke jirrizulta mill-anness skrittura Dokument "A";

Premess illi l-konsenja ta' dawn l- '*air conditioners*' grat fl-ahhar gimgha ta' Jannar, 1996;

Premess illi rrizulta illi l-imsemmija '*air conditioners*' ma kienux tal-kwalita' pattwita u miftiehma u li kellhom difetti kif setghu jikkonstataw ufficjali ta' l-istess kumpanija konvenuta;

Premess illi n-nuqqas fil-kwalita' pattwita kien illi l-atturi riedu '*air conditioners*' bil '*continuous sweep function'* liema kwalita' fil-fatt jirrizulta li m'hijiex applikabbli skond il '*manual*' stess tal- '*air conditioners*' konsenjati Dokument

"B" ('*manual*') kif ukoll l-atturi riedu '*air conditioners*' li ma jaghmlux hsejjes kbar;

Premess illi d-difett fl-istess '*air conditioners*' jirrizulta mill-hsejjes kbar li jaghmlu l-istess '*air conditioners*' meta mhaddma, liema hsejjes huma insopportabbli;

Premess illi l- '*air conditioners*' konsenjati lill-atturi kellhom difett li jnaqqas il-valur taghhom b'mod illi x-xerrej ma kienx jixtrihom jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bihom;

Premess illi l-atturi avzaw lill-konvenuti b'dawn id-difetti u bin-nuqqas fil-kwalita' pattwita bit-*telephone* diversi drabi u bil-miktub permezz ta' *fax* datata 27 ta' Frar, 1996 Dokument "C" u *fax* ohra tal-5 ta' Frar, 1996 Dokument "D";

Premess illi fis-6 ta' Mejju, 1996 Emanuel Galea mar ghand l-atturi u sema l-hsejjes u wieghed li kien ser jikteb barra kif anke jirrizulta minn *fax* mibghuta mill-konvenuti datata 16 ta' Mejju, 1996 (Dokument "E");

Premess illi jirrizulta illi l-atturi gja' hallsu l-ammont ta' Lm1,370 li minnhom Lm700 jirrapprezenta l-prezz ta' unit iehor MSP 18 Zenith Air u Lm210 prezz ta' servizzi rezi fic-caqliq ta' zewg '*air conditioners*' ohra. B'hekk il-konvenuti ghandhom ihallsu lura lill-atturi l-ammont ta' Lm460.

Premess illi nterpellati biex jiehdu lura l- '*air conditioners*' u jhallsu lura lill-atturi l-ammont ta' depozitu l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Premess illi b'hekk l-atturi sofrew u ser isofru danni konsiderevoli;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Prevja kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tiddikjara illi l-konvenuti

kkonsenjaw lill-atturi '*air conditioners*' mhux skond il-kwalita' pattwita;

2. Tiddikjara illi l- '*air conditioners*' konsenjati lill-atturi kellhom difett li jnaqqas il-valut taghhom b'mod illi x-xerrej ma kienx jixtrihom jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bihom;

3. Tiddikjara u tordna illi kuntratt ta' bejgh ta' '*air conditioners*' cioe' erba' SAP 24 Zenith Air, tlett SAP 32 Zenith Air jigi rexiss;

4. Tordna lill-konvenuti jhallsu lura lill-atturi l-ammont ta' Lm460;

5. Tiddikjara illi l-konvenuti kienu inadempjenti meta kkonsenjaw '*air conditioners*' mhux tal-kwalita' pattwita u b'difetti serji u b'hekk tiddikjara li huma kkawzaw danni lill-atturi;

6. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi u naxxenti mill-inadempjenza tal-konvenuti;

7. Tordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dawk id-danni kif likwidati minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Lulju 1996 u bl-interessi mid-data tal-littra ufficjali kontra s-socjeta' l-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijet tas-socjeta' konvenuta a fol. 15 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi c-citazzjoni attrici hija nulla u bla effett, stante li l-azzjoni attrici hija wahda konfuza, peress li s-socjeta' attrici tidher li qed tittenta zewgt azzjonijiet separati fl-istess kawza li logikament u giudikament ma jreggux u cioe' l- *actio redhibitoria* (art. 1427) jew l-azzjoni kontemplata

fl-art. 1390 tal-Kap 16 tal-Ligi ta' Malta, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici;

2. Illi ghalhekk u a bazi tal-premess, l-ewwel, it-tieni, u t-tielet talbiet attrici, huma ukoll guridikament inammessibbli, peress li z-zewgt azzjonijiet hemm indikati ma jistghux iregghu flimkien;

3. Illi *di piu'* in kwantu jirrigwarda it-tieni talba attrici, presumibilment l- *actio redhibitoria*' termini tal-art. 1427 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din hija preskritta ai termini tal-art. 1431 kif wiehed jista' facilment jikkonstata mill-istess Dokumenti tal-kawza;

4. Illi *di piu'* in kwantu jirrigwarda l-azzjoni ai termini tal-art. 1390 tal-Kap. 16, fejn qed jigi allegat li tali oggetti mhux tal-kwalita' pattwita, din hija insostenibbli, stante li tali azzjoni hija possibbli biss jekk tali oggett ma jkunx ghadu gie kkonsenjat, kif gie wkoll deciz mill-Qrati Nostrali (Nadia Cassar et vs Charles Pace noe 13.03.95 K. JDC);

5. Illi bla pregudizzju ghal dak premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l- '*air conditioners*' *de quo* kienu dak tal-kwalita' pattwita., kif *di piu'* jirrizulta mill-manuals appositi u di piu' ma ghandhom u qatt ma kellhom ebda diffett latenti kwalunkwe fil-mument tal-bejgh;

6. Illi *di piu'* u bla pregudizzju ghal dak premess, it-talbiet attrici huma wkoll insostenibbli, stante li l-ordni saret fit-23 ta' Marzu, 1995, ghall tmien *air conditioning units* u ghalhekk tali rexissjoni ma tistax legalment tigi akkolta in parte, kif jidher li qed jintalab fid-disa' paragrafu tac-citazzjoni attrici;

7. Illi *di piu'* u bla pregudizzju ghal premess, jekk jirrizulta (li ma rrizultax) xi difett, kienet tapplika l-garanzija specifikata fit-28 ta' Marzu 1995, u in effetti s-socjeta' attrici, qatt ma sostniet li kien hemm xi difett fil-manifattura. Dan apparti li s-socjeta' attrici sallum hija debitrici

tas-socjeta' konvenuta f'ammonti sostanzjali u s-socjeta' konvenuta tirriserva li tipprocedi permezz ta' azzjoni *ad hoc* opportuna;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nomina tal-Perit Henry Baker a fol. 13;

Rat ir-relazzjoni a fol. 35;

Semghet lill Perit Baker in eskussjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

Rat in-nota tal-atturi;

**TALBIET**

1. Prevja kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tiddikjara illi l-konvenuti kkonsenjaw lill-atturi '*air conditioners*' mhux skond il-kwalita' pattwita;

2. Tiddikjara illi l-'*air conditioners*' konsenjati lill-atturi kellhom difett li jnaqqas il-valur taghhom b'mod illi x-xerrej ma kienx jixtrihom jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bihom;

3. Tiddikjara u tordna illi kuntratt ta' bejgh ta' '*air conditioners*' cioe' erbgha SAP 24 Zenith Air, tliet SAP 32 Zenith Air jigi rexxiss;

4. Tordna lill-konvenuti jhallsu lura lill-atturi l-ammont ta' Lm460.00,0;

5. Tiddikjara illi l-konvenuti kienu inadempjenti meta kkonsenjaw '*air conditioners*' mhux tal-kwalita' pattwita u b'difetti serji u b'hekk tiddikjara li huma kkawzaw danni lill-atturi;

6. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi u naxxenti mill-inadempjenza tal-konvenuti;

7. Tordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dawk id-danni kif likwidati minn din il-Qorti.

**NOTA TAL-ECCEZZJONIJIET**

Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet is-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:-

1. Illi c-citazzjoni attrici hija nulla u bla effett, stante li l-azzjoni attrici hija wahda konfuza, peress li s-socjeta' attrici tidher li qed tittenta zewg azzjonijiet separati fl-istess kawza li logikament u giudikament ma jreggux cioe' l' *actio redhibitoria* (Art 1427) jew l-azzjoni kontemplata fl-Art 1390 tal-Kap 16 tal-Ligi ta' Malta, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

2. Illi ghalhekk u a bazi tal-premess, l-ewwel, it-tieni, u t-tielet talbiet attrici, huma wkoll guridikament inammessibbli, peress li z-zewg azzjonijiet hemm indikati ma jistghux rregghu flimkien.

3. Illi *di piu'* in kwantu jirrigwarda it-tieni talba attrici, presumibilment l' *actio redhibitoria*, tennini tal-Art 1427 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din hija preskritta ai termini tal-Art. 1431 kif wiehed jista' facilment jikkonstata mill-istess dokumenti tal-kawza.

4. Illi *di piu'* in kwantu jirrigwarda l-azzjoni ai termini tal-Art 1390 tal-Kap 16, fejn qed jigi allegat li tali oggetti mhux tal-kwalita' pattwita, din hija

insostenibbli, stante li tali azzjoni hija possibbli biss jekk tali oggett ma jkunx ghadu qie kkonsenjat, kif gie wkoll deciz mill-Qrati Nostrali (Nadia Cassar et vs Charles Pace noe 13.03.95 K.JDC).

5. Illi bla pregudizzju ghal dak premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u f'id-dritt stante li l-'*air conditioners*' *de quo* kienu dawk tal-kwalita' pattwita, kif di piu' jirrizulta mill-*manuals* appositi u *di piu'* ma ghandhom u qatt ma kellhom ebda difett latenti kwalunkwe fil-mument tal-bejgh.

6. Illi *di piu'* u bla pregudizzju ghal dak premess, it-talbiet attrici huma ukoll insostenibbli, stante li l-ordni saret fit-23 ta' Marzu, 1995, ghall tmien *air conditioning units*, u ghalhekk tali rexissjoni ma tistax legalment tigi akkolta *in parte*, kif jidher li qed jintalab fid-disa' paragrafu tac-citazzjon attrici.

Illi *di piu'* u bla pregudizzju ghal premess, jekk jirrizulta (li ma irrizultax) xi difett, kienet tapplika l-garanzija specifikata fit-28 ta' Marzu,1995, u in effetti s-socjeta' attrici, qatt ma sostniet li kien hermn xi difett fil-manifattura. Dan apparti li s-socjeta' attrici sallum hija debitrici tas-socjeta' konvenuta f'ammonti sostanzjali u s-socjeta' konvenuta tirriserva li tipprocedi permezz ta' azzjoni *ad hoc* opportuna. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

**NOMINA PERIT TEKNIKU**

Illi b'digriet tad-29 ta' Mejju, 1997, gie nominat l-AIC Henry Baker bhala perit tekniku.

Illi b'digriet tas-6 ta' Ottubru, 1997, l-inkarigu tal-perit tekniku gie limitat fis-sens li huwa kellu jikkonstata biss jekk l-'*air conditioner*' kienx qed jaghmel hoss aktar minn dak permess.

Illi b'digriet tal-24 ta' Novembru, 1997, l-espert tekniku gie awtorizzat jirrelata wkoll fuq il-lamenteli li hemm fic-citazzjoni.

**RELAZZJONI TAL-ESPERT TEKNIKU**

L-espert tekniku ikkonkluda li n-negozju tal-bejgh tal-'airconditioners' in kwistjoni ma sarx b'mod professjonali u dan ghaliex dan in-negozju ma sarx bil-miktub. Mill-provi prodotti ma jirrizulta minn imkien li saret kwotazzjoni bil-miktub ta' dak li s-socjeta' konvenuta kienet qed toffri u precizament tat-'*technical specifications*' tal-'*airconditioners*' li kienu qed jinbieghu lis-socjeta' attrici.

Il-'*purchase order*' (a fol. 5 tal-process) huwa forma ta' kuntratt ta' bejgh bil-miktub izda f'dan id-dokument m'hemm ebda riferenza ghal xi forma ta' '*enclosures*' annessi mal-kuntratt li jindikaw l-ispecifikazzjonijiet teknici tal-'*airconditioners*' mibjugha.

*"F'dawn ic-cirkostanzi ma nistghax b'konvinzjoni niggudika jekk l-imsemmija 'airconditioners' kienux tal-kwalita' patwita u miftehma jew le kif imsemmi fic-citazzjoni"*, jghid l-espert tekniku, izda mil-accessi u nvestigazzjonijiet li esegwixxa l-istess perit tekniku fuq l-'*airconditioners*' in kwistjoni, huwa seta' jikkonstata li l-'*performance*' ta' dan l-apparat m'hiex konformi mat-'*technical specifications*' Dok. 'H/1' (fol. 92 u 93) fir-rigward tal-'*fan blowers*' minn kif jirrizulta mill-kejl tal-hsejjes. Fir-rigward tal-'*vertical air flow direction louvre*', il-perit tekniku jirrileva li fir-'*remote control literature*' (Dok. B, pg. 2 - a. fol. 105-107) il-funzjoni numru 8 tghid "*This function is not designed to work continuously*" filwaqt li s-socjeta' konvenuta fil-'*fax*' li baghtet lis-socjeta' attrici fis-16 ta' Mejju, 1996, (a fol. 100) tghid "*We emphasize that the sweep function can be allowed to operate freely and continuously if so preferred*". Bhala konsegwenza ta' din l-assikurazzjoni moghtija mis-socjeta' konvenuta, l-muturi taz-zewg '*units*' garrbu hsara minhabba li ma felhux ghall-istrapazz li gew suggetti ghalih.

Dwar l-iffrizar tal-'*evaporator coils*' (fl-'*indoor unit*') fl-'*airconditioners*' fl-ufficini

tad-diretturi tas-socjeta' attrici Hugh u Robert Anastasi, l-espert tekniku jsostni li dan l-iffrizar huwa konsegwenza tal-modifikazzjoni li esegwiet is-socjeta' konvenuta fuq ir-'*running coil*' tal-'*fan blowers*' tal-'*indoor units*' taghhom sabiex issir riduzzjoni fli *speed*, bl-iskop li jitnaqqas il-livell tal-hoss. Il-fatt li kellhom isiru tali modifikazzjonijiet jikkonferma li l-'*units*' ma kienux konformi ma li '*specifications*' li s-socjeta' konvenuta tghid li ghaddiet lis-socjeta' attrici, jikkonkludi l-espert tekniku.

F'dawn ic-cirkostanzi l-espert tekniku jghid li t-talba attrici hija gustifikata u konsegwentement ghandha tigi milqugha mill-Qorti.

Illi l-espert tekniku gie eskuss fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2000, fejn huwa kkonferma li l-problema tal-hoss qeghda fuq l-'*airconditioners*' kollha hlif fuq mudell wiehed li ma jiffurmax il-mertu tal-kawza. Hu spjega li hu qal li ma jistghax jiggudika jekk l-imsemmija *air conditioners* kienu tal-kwalita pattwita’ billi ma kienx hemm kuntratt bil-miktub bli *specifications* ghalhekk ma jistax jghid jekk l-affarijiet humiex skond il-kuntratt (fol. 112).

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-kawza tirrigwarda talba ghar-rexissjoni maghmula mis-socjeta' attrici, ta' kuntratt ta' bejgh ta' seba' '*airconditioners*' li gew mibjugha mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici. L-'*airconditioners*' gew konsenjati fl-ahhar gimgha ta' Jannar, 1996. Minn Dok. A esibit mac-citazzjoni (a fol. 5 tal-process) jirrizulta li s-socjeta' konvenuta bieghet tmien '*units*', erbgha tat-tip SAP 24 Zenith Air, tlieta tat-tip SAP 32 Zenith Air, u wiehed tat-tip MSP 18 Zenith Air.

Is-socjeta' attrici sostni li l-erba' '*airconditioners*' tat-tip SAP 24 u t-tlieta tat-tip SAP 32 ma kienux tal-kwalita' patwita u inoltre li dawn kellhom difetti li jnaqqsu l-valur taghhom b'mod illi x-xerrej ma kienx jixtrihom jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bihom. Is-socjeta' attrici hallset is-somma ta'

Lm1,370.00 lis-socjeta' konvenuta li minnhom Lm700.00 jirrapprezenta l-prezz tal-'*unit*' MSP 18, Lm210.00 il-prezz ta' servizzi rezi fic-caqliq ta' zewg '*airconditioners*' ohra, u l-ammont ta' Lm460.00 akkont tal-prezz tas-seba' '*units*' li jiffurmaw il-mertu tal-kawza.

Is-socjeta' attrici qed titlob ir-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgh li jirrigwarda l-erba' '*units*' tat-tip SAP 24 u t-tlett '*units*' tat-tip SAP 32, il-kundanna ghall-hlas da parti tas-socjeta' konvenuta tal-Lm460.00 li thallsu akkont tal-prezz ta' dawn is-seba' units.

Is-socjeta' attrici qed titlob ukoll il-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tad-danni sofferti minnha bhala konsegwenza tal-konsenja da parti tas-socjeta' konvenuta ta' oggetti mhux tal-kwalita' patwita.

**LIGI**

Illi s-socjeta' attrici qeghda titlob ir-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgh a bazi ta' zewg kawzali u cioe' l-azzjoni stipulata fl-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-kwalita' pattwita kif ukoll l- '*actio redhibitoria*' kontemplata fl-Artikolu 1427 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Illi l-Artikolu 1390 jipprovdi hekk:-**

"Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mweghda jew ma tkunx bhal kampjun li fuqu il-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit".

**l-Artikolu 1427 jipprovdi hekk:-**

L-'*actio redhibitoria*' temana mill-Artikolu 1427 li jipprovdi li f'kaz ta' difetti mohbija fl-oggett mibjugh, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jistitwixxi l- '*actio redhibitoria*' fejn jitlob ir-rexissjoni tal-bejgh, jirritorna l-oggett mibjugh u r-rifuzjoni tal-prezz tal-oggett jew inkella l-'*actio aestimatoria*' fejn ix-xerrej

izomm l-oggett mibjugh lilu izda jitlob rifuzjoni ta' parti mill-prezz. L-Artikolu 1429 tal-Kodici Civili jipprovdi hekk:-

**1429** (l) "Jekk il-bejjiegh kien jaf bid-difett tal-haga mibjugha, hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun ircieva izda wkoll li jhallas id-danni tax-xerrej.

(2) Jekk il-bejjiegh ma kienx jaf bid-difett tal-haga, hu obbligat biss irodd il-prezz u jhallas lix-xerrej l-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-bejgh".

**L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti - Nullita' tac-citazzjoni.**

Illi s-socjeta' konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha teccepixxi n-nullita' tac-citazzjoni stante li tirritjeni li z-zewg azzjonijiet hawn fuq imsemmija ma jreggux flimkien u cioe' ix-xerrej ma jistax jipproponi l- '*actio redhibitoria*' u l-azzjoni kontemplata fl-Artikolu 1390 kontemporanjament fl-istess azzjoni. F'dan ir-rigward is-socjeta' attrici tirribatti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha li oggett mibjugh jista' jkun mhux tal-kwalita' patwita u fl-istess hin ikollu difetti mohbija u f'dawn il-kazijiet ix-xerrej huwa ntitolat jipproponi z-zewg azzjonijiet kontemporanjament.

Illi mir-relazzjoni tal-espert tekniku jirrizulta illi l-lamentali tas-socjeta' attrici in kwantu jirrigwarda l-'*airconditioners*' mibjugha lilha mis-socjeta' konvenuta kienu principalment difetti li jirrigwardaw hoss li kienu jaghmlu dawn il-'*units*' liema hsejjes ma kienux skond kif tirrikjedi s-sengha u aktar u aktar kienu ghola mit-'*technical specifications*' provduti fil-'*literature*' moghti mill-istess socjeta' konvenuta, kif ukoll ma kellhomx il-***'continuous sweep function'*** li kienet irrikjediet is-socjeta' attrici.

Illi kif irrileva l-espert tekniku fir-relazzjoni tieghu, it- '*technical specifications*' tal-oggetti li kellhom jigu konsenjati ma gewx inkluzi fil-kuntratt ta' bejgh bil-miktub datat 30 ta' Marzu, 1995, li jinsab esibit a fol. 5 tal-process, liema kuntratt jipprovdi biss dettalji dwar il-prezz, it-terminu tal-pagament u jelenka l-oggetti mibjugha. Mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet izda

jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet irrikjediet li l-'*units*' ikollhom '*continuous sweep function*' u s-socjeta' konvenuta fil-'*fax*' tas-16 ta' Mejju, 1996, (a fol. 100) tidher li kkonfermat li effettivament il-ftehim kien f'dan is-sens ghaliex hija qalet "*We emphasize that the sweep function can be allowed to operate freely and continuously if so preferred*". Il-fatt li s-socjeta' konvenuta qeghda tenfasizza li s- '*sweep function*' tista' tigi adoperata b'mod kontinwu jindika li din it-tip ta' '*function*' kienet wahda mill-kwalitajiet patwiti verbalment bejn il-partijiet.

Mir-relazzjoni tal-espert tekniku u mill-provi jirrizulta li l-'airconditioners' ma kellhomx din il-'*continuous sweep function*' u ghalhekk f'dan ir-rigward il-'*units*' in kwistjoni m'humiex tal-kwalita' patwita.

Illi in kwantu jirrigwarda **l-hsejjes** maghmula mill-'*airconditioners*' ma jirrizultax car x'kien il-ftehim bejn il-partijiet f'dan ir-rigward izda l-espert tekniku jikkonkludi li l-hsejjes maghmula mill-'*airconditioners*' in kwistjoni kienu addirittura ghola minn dak indikat fit-'*technical specifications*' forniti mis-socjeta' konvenuta. Dan il-fatt jista' jindika li l-'*airconditioners*' ma kienux tal-kwalita' patwita ghaliex il-livell tal-hoss maghmul kien ghola minn dak previst mill-'*manuals*' izda jista' wkoll jitqies bhala difett mohbi u ghalhekk redibitorju u dan ghaliex is-socjeta' konvenuta tidher li ma kienitx taf b'dan id-difett u effettivament pruvat tirrimedja ghal dan id-difett f'zewg '*units*' minn seba' billi mmodifikat ir-'*running coil*' tal-'*fan blowers*' tal-'*indoor units*' taghhom, sabiex issir riduzzjoni fli '*speed'*, bl-iskop li jitnaqqas il-livell tal-hoss.

Illi la darba jirrizulta li l-oggetti mibjugha ma kienux tal-kwalita' patwita kif wkoll li kellhom difetti mohbija, ma hemm xejn li jippreкludi lis-socjeta' attrici milli tressaq iz-zewg azzjonijiet kontemporanjament u dan tenut kont li t-talbiet tas-socjeta' attrici ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgh hija prevista sia' fir-rigward tal-'*actio redhibitoria*' l-artikolu 1427 kif ukoll fir-rigward tal-azzjoni taht l-Artikolu 1390 kif spjegat aktar il-fuq.

Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta qed tigi michuda.

**Tielet eccezzjoni - Preskrizzjoni Art. 1431.**

Illi fit-tielet eccezzjoni s-socjeta' konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni in kwantu jirrigwarda l-'*actio redhibitoria*' u dan ai termini tal-Artikolu 1431. Illi dan l-Artikolu jipprovdi li l-'*actio redhibitoria*' in kwantu jirrigwarda l-oggetti mobbli trid tigi ntavolata fi zmien sitt xhur mid-data tal-konsenja tal-oggetti mibjugha.

Mill premessi tac-citazjoni jirrizulta li l-'*airconditioners*' gew konsenjati fl-ahhar ta' Jannar, 1996, u l-kawza giet intavolata fid-19 ta' Lulju, 1996. Dan jindika li l-azzjoni giet intavolata entro t-terminu previst mill-ligi u ghalhekk anki t-tielet eccezzjoni qed tigi michuda.

**Raba' Eccezzjoni - Azzjoni taht l-art 1390 insostenibbili**

Illi permezz tar-raba' eccezzjoni is-socjeta' attrici eccepiet ukoll li l-azzjoni ai termini tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 hija nsostenibbli stante li tali azzjoni hija possibbli biss jekk tali oggett ma jkunx ghadu gie konsenjat u f'dan ir-rigward saret riferenza ghal-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tat-13 ta' Marzu, 1995, fl-ismijiet 'Nadia Cassar et vs Charles Pace nomine'.

Mill-provi jirrizulta li l-oggetti mibjugha gew konsenjati izda kif irrilevat is-socjeta' attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, in-natura tal-oggetti bilfors iridu jigu nstallati sabiex ix-xerrej jinduna li m'humiex tal-kwalita' patwita. F'dan ir-rigward ser issir riferenza ghal dak li ddecidiet il-Qorti tal-Appell f'sentenza tas-16 ta' Frar, 1945, fil-kawza fl-ismijiet 'Buttigieg vs Hirst' (Kollez. Vol. XXXII.1.163) fejn il-Qorti ghamlet dina l-osservazzjoni dwar l-artikolu 1390, dak iz-zmien 1104.

"Kif irriteniet il-Prim Awla tal-Qorti tal-Maesta' Tieghu r-Re in re. Scicluna vs Fenech l-10 ta' Lulju, 1888 (Kollez. Vol. XII pag 1), il-kompratur ghandu dejjem azzjoni li tohrog mill-Artikolu 1104 tal-Ligi fuq imsemmija, ghalkem ikun ircieva l-oggett, sakemm dak id-dritt ma giex mitluf minhabba l-fatt stess

tal-kompratur, bhal meta l-oggett ikun biddlu mill-istat li kien, jew ikun bi kwalunkwe mod iddispona minnu, b'mod illi ma jkunx izjed possibbli li ssir il-valutazzjoni ghad-diminizzjoni fil-prezz. Izda meta l-oggett ikun ghadu fl-istat li kien *res ad huc integra*, allura din l-azzjoni tkun possibbli u ammissibbli nonostante li jkun hemm ir-ricezzjoni (ara sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-31 ta' Marzu, 1908) in re. Laferla vs Dr. M. A. Refalo u ta' dan il-Qorti fl-istess kawza tas-26 ta' Gunju, 1908, u s-sentenza in re. Mizzi vs Dr. Refalo tas-26 ta' Mejju, 1911".

Din is-sentenza giet citata mill-Qorti tal-Appell recentement f'sentenza tal-15 ta' Dicembru, 1997, fil-kawza fl-ismijiet 'William Rizzo nomine vs Victor Zammit'.

Illi mill-provi prodotti u mir-relazzjoni peritali jirrizulta li l-'*airconditioners*' in kwistjoni ghadhom fl-istat li kienu meta gew konsenjati u ghalhekk anki r-raba' eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta qed tigi michuda.

**Sitt eccezzjoni - Rexizzjoni nsostenibbili**

Illi fis-sitt eccezzjoni taghha is-socjeta' konvenuta teccepixxi wkoll li t-talbiet attrici huma wkoll insostenibbli stante li l-ordni li saret fit-23 ta' Marzu, 1995, kienet tirrigwarda tmien '*airconditioning units*' u fic-citazzjoni odjerna s-socjeta' attrici qed titlob ir-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgh tas-seba' '*units*', u ghalhekk tali rexissjoni ma tistax legalment tigi akkolta in parte kif qed titlob is-socjeta' attrici.

Mill-premessi tac-citazzjoni u mill-provi jirrizulta li l-prezz kien wiehed diviz u s-socjeta' attrici tindika liema kienu l-prezzijiet tal-erba' SAP 24 u t-tlett SAP 32 li taghhom qed titlob ir-rexissjoni tal-bejgh. Dawn il-prezzijiet indikati ma gewx kontestati mis-socjeta' konvenuta. Inoltre Dok. RZ1 (a fol. 122 tal-process) u cioe' l-'*invoice*' relattiva ghall-bejgh hemm indikat il-prezz ta' kull tip ta' 'unit'.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici ma kienitx prekluza milli titlob biss ir-rexissjoni tal-bejgh ta' dawk is-seba' '*units*' li ma kienux tal-kwalita' patwita u li kellhom difetti mohbija. Ma kelliex ghalfejn tattakka l-pagament ta’ l-’*air conditioners’* li kienu tajjeb u tal-kwalita’ pattwita.

**Hames eccezzjoni - kwalita pattwita.**

Illi l-hames eccezzjoni qed tigi michuda ghal ragunijiet li diga' ssemmew aktar il-fuq.

**KONKLUZZJONI**

Ghal dawn il-motivi ghandhom jintlaqghu l-ewwel erba' talbiet attrici.

In kwantu jirrigwarda l-hames, is-sitt u s-seba' talba, is-socjeta' attrici ma resqitx provi dwar id-danni allegatament sofferti minnha minhabba l-konsenja ta' oggetti mhux tal-kwalita' pattwita stante li kif spjegat fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha dawn m'humiex kwantifikabbli f'dan l-istadju.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, tilqa’ l-ewwel erba’ talbiet attrici u tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta kkonsenjat '*air conditioners*' mhux skond il-kwalita' pattwita; tiddikjara illi l-'*air conditioners*' konsenjati lis-socjeta’ attrici kellhom difett li jnaqqas il-valur taghhom b'mod illi x-xerrej ma kienx jixtrihom jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bihom; tiddikjara u tordna illi kuntratt ta' bejgh ta' '*air conditioners*' cioe' erba’ SAP 24 Zenith Air, tlett SAP 32 Zenith Air jigi rexxiss; u tordna lis-socjeta’ konvenuta thallas lura lis-socjeta’ attrici l-ammont ta' erba’ mija u sittin lira Maltin (Lm460.00,0);  tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet l-ohra bl-ispejjez ta’ l-ewwel erba’ talbiet kontra s-socjeta’

konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**